**_Ruling_ mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 268 tat-28 ta' Ottubru 2019 dwar talba għal ksur ta' privileġġ dwar _post_ fuq Facebook**

Fis-Seduta 265 tas-6.00 ta' filgħaxija ta' nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Ottubru 2019, wara l-ħin tat-Tqegħid ta' Karti, is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi, Ċittadinanza u Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi l-Onor. Julia Farrugia Portelli, talbet *ruling* tas-Sedja dwar *post* mill-Onor. Jason Azzopardi li huwa kien tella' fuq il-paġna tal-Facebook tiegħu, li kien għadu kif inġieb a konjizzjoni tagħha minn membri tal-*media* hi u dieħla għas-seduta.

Fl-intervent tagħha l-Onor. Farrugia Portelli ressqet ilment ta' ksur ta' privileġġ kif ukoll talbet il-protezzjoni tas-Sedja bi kwalunkwe rimedju ieħor li l-istess-Sedja tara li għandha tieħu fir-rigward tal-*post* inkwistjoni li hija ppreżentat lis-Sedja.

Nikkwota t-talba tal-Onor. Farrugia Portelli:

> "**L-ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Sinjura Speaker, xtaqt nitlob lilek tagħti *ruling* dwar xi ħaġa li nġiebet għall-attenzjoni tiegħi minn ġurnalisti ftit qabel dħalt f'din il-Kamra fejn kellna Onorevoli f'din il-Kamra, l-Onorevoli Jason Azzopardi illi fuq il-Facebook tiegħu kiteb gidba illi jiena qatt ma għedt u qatt m'għamilt. Nixtieq inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra u nikkwota għal xiex qed nitlob dan ir-*ruling* fejn l-Onor. Jason Azzopardi fuq Facebook qal:
>
> > "Illi Junior Minister tistiednek tikser il-liġi, hi liema hi dik il-liġi, hija ereżija, hija l-oppost tar-*rule of law*. Kif irridu n-nies josservaw il-Liġi jekk il-Gvern iħeġġek tiksirha? Bażikament l-ewwel klijent li jmur għand avukat minn issa 'l quddiem akkużat b'sempliċi pussess ta' droga għandu d-difiża lesta. Juri dan il-kliem tal-Onor. Julia Farrugia Portelli u jitlob li jkun liberat."
>
> Jiena qiegħda nikkontesta b'mod assolut li b'xi mod jew ieħor ħeġġiġt u stedint, nikkwota, lin-nies jiksru l-liġi. L-Onorevoli kien qed jirreferi għad-diskors li għamilt ilbieraħ f'din il-Kamra. Is-Sedja tista' tfittex ir-*recording* u tmur minn 34.19 sa 39.43, li hi *time code* ta' 5 minuti u 24 sekonda fejn jiena tajt rendikont tar-riforma b'rabta mal-użu tal-kannabis. Ilbieraħ jiena għedt li din ir-riforma li wegħedna li ssir ma tistax issir jekk ma nagħmlux pedament b'saħħtu fost it-tfal tagħna. Imbagħad komplejt nispjega kif lit-tfal tagħna rridu ngħallmuhom ikunu reżiljenti f'ħajjithom, meta jinqala' intopp f'ħajjithom mhux jaqgħu għal xi vizzji differenti, *be it* kannabis, alkoħol, eċċ, imma li jkunu reżiljenti. Imbagħad spjegajt u kkwantifikajt il-kliem li kont qiegħda ngħid, illi rridu mmorru għal *harm reduction mechanism* fejn min hu adult – b'enfasi fuq il-kelma adult – u għandu l-età tiegħu, ikun fil-libertà li jekk irid ipejjep *joint* fil-privat, jista' jagħmel dan.
>
> Jiena kif diġà ddikjarajt f'din il-Kamra m'iniex persuna li qatt missejt ma' xi droga, l-ebda tip ta' droga, u nibqa' ninsisti li jiena kontra d-droga. Imma li jkollna f'din il-Kamra, Membru, li daħal f'nofs id-diskors tiegħi, u mbagħad imur jagħmel *statement* falz, ipokrita, bil-mod kif sar, huwa assolutament inaċċettabbli u nitlob il-protezzjoni ta' din il-Kamra."

Mitluba mis-Sedja biex tiċċara dak li kienet qed titlob, l-Onor. Farrugia qalet li:

“**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Madam Speaker, qiegħda nitlob li s-Sedja tintervjeni dwar ksur ta’ privileġġ u b’kwalunkwe mod ieħor li din il-Kamra, tara li dan l-i*statement*, li huwa gidba, u gidba assoluta li ħeġġiġt lil xi ħadd jikser liġi....liema liġi terġa’! Ma kienx purament qed jiffoka fuq dan is-suġġett. Jiena ningħata l-protezzjoni.”

L-Onor. David Agius talab kjarifika dwar jekk it-talba tas-Segretarju Parlamentari kinitx tirrigwarda l-post inkwistjoni jew inkella l-artiklu li deher fuq-sit ta’ Net News li kien hemm *link* għalih mal-*post* tal-Onor. Azzopardi. Is-Sedja kkonfermat illi t-talba tal-Onor. Farrugia Portelli ċarament kienet tirrigwarda l-*post* tal-Onor. Azzopardi li hija kienet għadha kif ippreżentat lis-Sedja.

Is-Sedja tibda billi tirrileva illi skont id-dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra mill-istess Segretarju Parlamentari, il-*post* inkwistjoni kien ilu li ttella’ fuq Facebook 15-il siegħa u għalhekk il-*post* kien ilu mtella’ mill-inqas mit-3.30 tal-lejl ta’ qabel. Is-Sedja tirrileva wkoll illi fl-istadju ta’ Kumitat ta’ Provvista l-Kamra kienet qiegħda tiltaqa’ diversi drabi f’ġurnata waħda, u li fil-fatt nhar il-Ġimgħa, 25 ta’ Ottubru 2019 il-Kamra ltaqgħet ukoll fid-9.00 ta’ filgħodu u fis-2 ta’ wara nofsinhar. F’dan il-kuntest is-Sedja tikkwota mill-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, senjatament Ordni Permanenti 36 li jgħid illi:

> “**36.** Mozzjoni dwar kwistjoni ta’ privileġġ li tinqala’ waqt is-seduti tal-Kamra għandha dritt għall-preċedenza fuq kull xogħol ieħor.
>
> Mozzjoni dwar kwistjoni ta’ privileġġ li ma tkunx inqalgħet waqt is-seduta tal-Kamra għandha ssir mal-ewwel opportunità u tista’ ssir qabel il-bidu ta’ xogħol pubbliku.”

Minn dan l-Ordni Permanenti joħroġ ċar illi lment dwar ksur ta’ privileġġ dwar kwestjoni li ma tkunx inqalgħet fil-Kamra, kif hu l-każ *de quo*, għandu jitqajjem mal-ewwel opportunità, ċjoè fl-ewwel seduta wara li jkun inqala’ l-każ, li tiġi s-seduta tad-9.00 ta’ filgħodu tal-Ġimgħa, 25 ta’ Ottubru 2019. Il-fatt illi l-*post* inġieb a konjizzjoni tal-Onor. Farrugia Portelli ftit ħin qabel is-seduta tas-6.00 ta’ filgħaxija ma għandu l-ebda effett fuq din id-dispożizzjoni.

Fil-konsiderazzjoni tagħha tal-ilment imqajjem mill-Onor. Julia Farrugia Portelli, is-Sedja ħadet ukoll konjizzjoni tal-fatt illi l-*post* tal-Onor. Azzopardi kien jinkludi *link* għal artiklu li deher fuq is-sit ta’ Net News nhar il-Ħamis, 24 ta’ Ottubru 2019 bl-isem ‘Julia Farrugia ma tara xejn ħażin li adulti jieħdu l-*joints* fil-privat’. Peress illi dan l-artiklu kien jagħmel referenza għal diskors li għamlet l-Onor. Farrugia Portelli dakinhar stess meta l-Kamra kienet qiegħda tiddiskuti l-estimi tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru fi stadju ta’ Kumitat ta’ Provvista, is-Sedja ħasset li kellha tara wkoll it-traskrizzjoni ta’ din is-seduta fejn fiha seta’ sar tali diskors. Is-Sedja sejra tikkwota dik il-parti tat-traskrizzjoni li l-artiklu għamel referenza għalih:

> “**L-ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Jien kull min naf li jmur jieħu flixkun birra nhar ta’ Ħadd fil-każin fil-pjazza tar-raħal ma ngħidlux “sakranazz” u bl-istess mod ma nara xejn ħażin f’dawk in-nies li naf diversi saffi tal-ħajja li kultant jieħdu xi *joint*. Użgur li mhuwiex ħażin dak il-bniedem; mhu xejn ħażin li jħoss bħala adult li fil-privat

> jagħmel hekk. Il-problemi jinqalgħu meta l-flixkun birra ta' wieħed jew tnejn nitlef il-kontroll tiegħu u nispiċċa f'ċirku vizzjuż li ma nistax ninqala' minnu."

Minn din it-traskrizzjoni jidher illi r-rapport ta' Net News huwa fil-fatt fidili għad-diskors tal-Onor. Farrugia fil-Kamra. Dan is-Sedja qiegħda tirrilevah minkejja li l-ilment tas-Segretarju Parlamentari ma kienx kontra Net News.

Fil-konsiderazzjoni tagħha s-Sedja tinnota li mit-talba tal-Onor. Farrugia Portelli fejn talbet li:

> "is-Sedja tintervjeni dwar ksur ta' privileġġ u b'kwalunkwe mod ieħor li din il-Kamra, tara li dan l-i*statement*, li huwa gidba, u gidba assoluta li ħeġġiġt lil xi ħadd jikser liġi"

joħroġ ċar illi l-ilment tal-Onor. Farrugia Portelli kien jikkonċerna limitatament il-*post* tal-Onor. Jason Azzopardi u l-interpretazzjoni li ta l-Onor Membru

> "Illi Junior Minister tistiednek tikser il-liġi, hi liema hi dik il-liġi, hija ereżija, hija l-oppost tar-*rule of law*."

fir-rigward ta' dak li ġie rapportat li qalet l-Onor. Farrugia Portelli fil-Kamra.

Filwaqt li s-Sedja tinnota li l-kliem li dwaru qed tqajjem l-ilment is-Segretarju Parlamentari ma ntqalx mill-Onor Azzopardi fil-Kamra, hija tqis li l-kumment tal-Onor. Azzopardi jammonta għal pubblikazzjoni xejn feliċi jekk mhux addirittura skorrett ta' xi ntqal fil-Kamra u f'dan ir-rigward irreferiet għal dak li jgħid l-artikolu 11(4)(j) tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra (Kap. 113) li jgħid li huwa reat kontra dan l-Att:

> (j) il-pubblikazzjoni ta' kull libell li jagħti malafama lill-Speaker jew lil xi membru li tolqot xi ħaġa magħmula minnu jew li ntqalet minnu bħala Speaker jew bħala Membru fil-Kamra jew f'kumitat tagħha;

Hawnhekk is-Sedja tixtieq tirrileva li l-użu tal-*media* soċjali kull ma jmur qed jiżdied u li bosta Membri Parlamentari jużaw din il-mezz sabiex ikollhom preżenza u jwasslu l-messaġġ tagħhom fost iċ-ċittadini li jirrappreżentaw. Dan il-fenomenu huwa bla dubju xhieda ta' demokrazija ħajja li qiegħda tevolvi; fenomenu li jekk użat b'mod korrett żgur li jista' jgħin lill-Istituzzjoni Parlamentari sabiex tibqa' relevanti u aċċessibbli.

Is-Sedja tisħaq illi l-karattru kemxejn informali tal-*media* soċjali meta mqabbel ma' mezzi aktar tradizzjonali ta' komunikazzjoni ma jnaqqas xejn mill-fatt illi Membru Parlamentari għandu jkun dejjem moderat u ġust fi kliemu fil-konfront ta' Membri oħra ta' din il-Kamra anke jekk tali kummenti jsiru lil hinn mill-Kamra.

Wara li qieset dan kollu, s-Sedja ttenni illi peress li l-ilment dwar ksur ta' privileġġ ma tqajjimx fl-ewwel opportunità kif spjegat aktar kmieni, tiddeċiedi li m'hemmx każ ta' *prima facie* ksur ta' privileġġ. Minkejja dan, anke b'rispett għat-talba stess tal-Onor. Farrugia Portelli meta talbet il-protezzjoni tas-Sedja taħt kull dispożizzjoni oħra relevanti, is-Sedja ħasset li kellha tikkonsidra l-ilment fil-kuntest aktar wiesa' tax-xogħol ta' din il-Kamra u l-Onorevoli membri tagħha.

Għaldaqstant, salv u fermi d-drittijiet li jista' jkollha l-Onor. Farrugia Portelli taħt xi liġi oħra, is-Sedja tiextieq terġa’ tieħu din l-opportunità sabiex tħeġġeġ li rapporti u kummenti f’kull mezz ta’ komunikazzjoni jkunu dejjem korretti u fidili ma’ dak li l-Membru jkun qal fil-Kamra fil-kuntest sħiħ tal-argument.

Ir-*ruling* huwa deċiż.